Il-Qgħad Irreġistrat: Settembru 2026

NR 199/2026 | Is-Suq tax-Xogħol | Data tal-Ħruġ: **04/11/2026**

AQSAM

Aħbarijiet | Tabelli | Metodoloġija



Il-Punti ewlenin

- F'Settembru 2026, in-numru ta' persuni jirreġistraw għax-xogħol żdied b'271 persuna meta mqabbel mal-istess xahar tal-2025, filwaqt li żdied b'29 persuna meta mqabbel max-xahar ta' qabel.
- L-irġiel kienu jgħoddu 62.4 fil-mija jew 847 tal-għadd kollu ta' dawk jirreġistraw, filwaqt li n-nisa kienu jammontaw għal 37.6 fil-mija jew 510.
- Il-qgħad irreġistrat żdied fil-gruppi kollha tal-età meta mqabbel ma' Settembru 2025.
- In-numru ta' persuni b'diżabbiltà jirreġistraw żdied b'sebgħa meta mqabbel mal-istess xahar tal-2025.
- Impjiegi ta' appoġġ klerikali baqa' x-xogħol l-aktar imfittex minn dawk li kienu qegħdin jirreġistraw u għoddew 29.3 fil-mija tar-reġistrazzjonijiet kollha.

Il-Kummentarju

F'Settembru 2026, in-numru ta' persuni jirreġistraw għax-xogħol fl-Ewwel u t-Tieni Parti tar-reġistru tal-qgħad kien ta' 1,357, żieda ta' 271 persuna meta mqabbel mal-istess xahar tal-2025, u żieda ta' 29 persuna meta mqabbel max-xahar ta' qabel.


Tagħrif ta' Jobsplus juri li, sena għal sena, f'Settembru 2026 kien hemm żieda ta' 237 persuna fl-Ewwel Parti tar-Reġistru tal-Qgħad u żieda ta' 34 persuna jirreġistraw fit-Tieni Parti tal-istess reġistru (Tabelli nri 5 u 8). L-irġiel kienu jgħoddu mat-62.4 fil-mija (847 persuna), filwaqt li n-nisa kienu jgħoddu 37.6 fil-mija (510 persuni) ta' dawk li kienu qegħdin jirreġistraw. Dehret żieda fil-qgħad irreġistrat fil-gruppi kollha tal-età, bl-akbar żieda tkun fost dawk fl-età ta' bejn it-30 u l-44, li żdiedu b'103 (Tabella nru 1).

Sena għal sena, kienet irreġistrata żieda fil-meded kollha taż-żmien tar-reġistrar, bl-akbar żieda tidher fl-għadd ta' dawk li kienu ilhom jirreġistraw għal anqas minn 21 ġimgħa, li żdiedu b'142 persuna. Fl-istess waqt, dawk li kienu ilhom jirreġistraw għal aktar minn sena żdiedu b'21 (Tabella nru 2).

F'Settembru 2026, in-numru ta' persuni b'diżabbiltà li kienu qegħdin jirreġistraw għax-xogħol żdiedu b'sebgħa meta mqabbel mas-sena ta' qabel. L-irġiel kienu jgħoddu kważi 70 fil-mija tagħhom (Tabella nru 3).

Impjiegi ta' appoġġ klerikali kienu l-aktar xogħlijiet imfittxijin fost il-persuni fir-reġistru tal-qgħad, u ammontaw għal 29.3 fil-mija tar-reġistrazzjonijiet f'Settembru 2026, li jiġu 398 persuna. Warajhom, kien hemm it-Tekniċi u professjonisti assoċjati, li ammontaw għal 17.8 fil-mija tar-reġistrazzjonijiet, li jiġu 242 persuna (Tabella nru 4).

Ċart nru 1. Il-qgħad irreġistrat



Is-Suq tax-Xogħol

Stqarrijiet tal-Aħbarijiet Oħra

Ir-Rata tal-Qgħad: Settembru 2026

Ix-Xogħol Irreġistrat: Mejju 2026

Il-Qgħad Irreġistrat: Awwissu 2026

Ir-Rata tal-Qgħad: Awwissu 2026

Ix-Xogħol Irreġistrat: April 2026

Temi Oħra Relatati

Is-Saħħa

Għal mistoqsijiet ikkuntattja:

labourmarket.nso@gov.mt

Għal aktar data, jekk jogħġbok żur:

L-Indikaturi Magħżula